A.L. 31 ta' l-1995

ATT DWAR IL-BORD TA' *STANDARDS* TA' MALTA
(KAP. 187)

Ordni ta' l-1995 dwar Rombli tat-*Toilet Paper*
(*Standard Order* Nru. 30 ta' l-1995)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 ta' l-Att dwar il-Bord ta' *Standards* ta' Malta, il-Bord ta' *Standards* ta' Malta għamel l-i*standard order* li ġej:—

1.1 Dan l-i*standard order* jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1995 dwar Rombli tat-*Toilet Paper* u jista' jissejjaħ *Standard Order* Nru. 30 ta' l-1995. Titolu u bidu fis-seħħ.

1.2 Dan l-i*standard order* għandu jibda jseħħ f'data wara li jgħaddu għoxrin jum minn meta jitqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati, liema data għandha tiġi avżata mill-Bord fil-Gazzetta.

2.1 Dan l-i*standard order* japplika għal rombli tat-*toilet paper two-ply*, mibjugħa jew offruti għall-bejgħ f'pakketti singoli jew multipli, tal-gradi li ġejjin: Għan.

2.1.1 Grad b'saħħtu ħafna.

2.1.2 Grad artab ħafna.

3.1 F'dan l-i*standard order*: Tifsir.

3.1.1 "*toilet paper*" tfisser rombli tal-karta maħsuba għall-iġjene personali f'*toilets*.

3.1.2 "folja" tfisser parti minn *toilet paper two-ply* bejn fili konsekuttivi ta' perforazzjonijiet fuq romblu.

3.1.3 "direzzjoni tal-makna" tfisser id-direzzjoni ta' karta li tkun bħad-direzzjoni tal-karta fuq il-makna.

3.1.4 "direzzjoni kuntrarja" tfisser id-direzzjoni ta' karta f'angolu rett mad-direzzjoni tal-makna.

4.1 Il-karta għandha tkun karta iġjenika tat-*tissue two-ply* matta u ratba u ħielsa minn difetti li jagħmlu ħsara bħal għoqod tal-fibra u farkiet ta' l-injam u difetti oħra li jistgħu itellfu l-użu tagħha. Xorta ta' karta.

4.2 Kemm-il darba jintuża xi aġent koloranti sabiex jingħata kulur lill-karta, dan għandu jkun jaqbel mar-Regolamenti ta' l-1983 dwar Prodotti Kosmetiċi. A.L. 17 ta' l-1983.

Qisien.

5.1 In-numru medju ta' folji ta' kull romblu f'sitt rombli meħuda b'li jiġi minn pakki separati ma għandux ikun inqas min-numru dikjarat kif meħtieġ fil-paragrafu 13.1.3, u dak li jkun hemm nieqes f'xi romblu ma għandux jeċċedi 5% tan-numru dikjarat. L-imsemmija medja ma għandhiex tkun inqas minn 150 folja u għandha tkun multiplu integrali ta' 10.

5.2 It-tul medju ta' karta ta' kull romblu f'sitt rombli meħuda b'li jiġi minn pakki separati ma għandux ikun inqas mit-tul dikjarat kif meħtieġ fil-paragrafu 13.1.3 u dak li jkun hemm nieqes f'xi romblu ma għandux jeċċedi 5% tat-tul dikjarat.

5.3 L-inqas wisa' ta' romblu tat-*toilet paper* għandha tkun ta' 98mm.

5.4 It-tul ta' folja f'romblu ma għandux ikun inqas minn 110mm.

Piż fi grammi.

6.1 Meta d-*double-ply toilet paper* tiġi provata bil-metodu stabbilit f'A.2, il-piż medju tagħha fi grammi għandu jkun mhux inqas minn 42g/m^2 għall-grad b'saħħtu ħafna u mhux inqas minn 34g/m^2 għall-grad artab ħafna.

Saħħa tensili.

7.1 Is-saħħa tensili medja tad-*double-ply toilet paper*, meta tiġi provata bil-metodu stabbilit f'A.3, għandha tkun:

7.1.1 Fid-direzzjoni tal-makna, mhux inqas minn 3.3N/15mm ta' wisa' għall-grad b'saħħtu ħafna u mhux inqas minn 2.1N/15mm ta' wisa' għall-grad artab ħafna.

7.1.2 Fid-direzzjoni kuntrarja, mhux inqas minn 1.6N/15mm ta' wisa' għall-grad b'saħħtu ħafna u mhux inqas minn 0.6N/15mm ta' wisa' għall-grad artab ħafna.

7.2 Il-medja tas-saħħa fid-direzzjoni tal-makna u s-saħħa fid-direzzjoni kuntrarja għandha tkun mhux inqas minn 2.9N/15mm ta' wisa għall-grad b'saħħtu ħafna u mhux inqas minn 1.5N/15mm ta' wisa' għall-grad artab ħafna.

Assorbiment.

8.1 Il-ħin medju ta' l-assorbiment, meta d-*double-ply toilet paper* tiġi provata bil-metodu stabbilit f'A.4, għandu jkun bejn żewġ sekondi u 60 sekonda.

Irtubija.

9.1 L-irtubija medja tal-karta, meta tiġi provata bil-metodu stabbilit f'A.5, ma għandhiex teċċedi 400mN għall-grad b'saħħtu ħafna u 150mN għall-grad artab ħafna.

Perforazzjonijiet.

10.1 Il-perforazzjonijiet għandhom ikunu effettivi u kull folja tkun tista' tinqata' tajjeb.

Għamla tar-romblu.

11.1 Il-karta għandha tkun imkebba b'mod uniformi u sod. In-numru ta' folji b'forma ħażina fl-aħħar tar-romblu ma għandux ikun iktar minn ħamsa.

11.2 Kull naħa tar-romblu għandha tkun maqtugħa tajjeb.

11.3 Kull inkullar fuq it-tarf ta' barra tar-romblu għandu jippermetti separazzjoni faċli tal-folji.

12.1 Ir-rombli tat-*toilet paper* għandom ikunu ppakkjati b'mod iġjeniku individwalment jew fi gruppi. Ippakkjar.

13.1 Kull pakkett ta' romblu jew rombli tat-*toilet paper* għandu jkollu tikketta li turi stampat b'mod ċar u distint it-tagħrif li ġej: Tikkettjar.

13.1.1 Il-fatt li l-pakkett ikun fih romblu jew rombli tat-*toilet paper*, kemm-il darba dan ma jkunx ovvju minħabba t-trasparenza tar-*wrapper*.

13.1.2 Il-grad tal-karta.

13.1.3 L-għadd medju ta' folji f'kull romblu u d-daqs nominali f'millimetri tal-folji kif ukoll it-tul medju tal-karta f'kull romblu.

13.1.4 Il-kulur tal-karta jekk ir-*wrapper* ikun opak.

13.1.5 Il-marka jew *trade mark*, jew

13.1.6 L-isem u l-indirizz tal-fabbrikant.

13.1.7 Jekk il-marka ma tkunx imniżżla fil-lista miżmuma mid-Direttur ta' l-Industrija u lanqas it-*trade mark* ma tkun reġistrata mal-Kontrollur tal-Proprjetà Industrijali, it-tniżżil ta' l-isem u l-indirizz tal-fabbrikant fuq it-tikketta jkun obbligatorju.

13.2 It-tikkettjar għandu jsir bl-ilsien Malti u/jew Ingliż iżda ma jeskludix ilsna oħra.

APPENDIĊI A

Metodi ta' Prova

A.1. Kondizzjonar

A.1.1 Il-provi għandhom isiru fuq kampjuni kondizzjonati għal mill-inqas sagħtejn f'atmosfera miżmuma f'umdità relattiva ta' 50 ± 2% u temperatura ta' 23 ± 1°C.

A.2 Metodu biex jiġi stabbilit il-piż fi grammi

A.2.1 Minn kull wieħed minn ħames rombli tat-*toilet paper* meħuda b'li jiġi, aqta' minn fejn jiġi żewġ kampjuni għall-prova li kull wieħed minnhom ikollu area ta' mill-inqas 500cm^2.

A.2.1.1 Stabbilixxi t-tul u l-wisa' ta' kull kampjun sa l-eqreb 0.5mm u l-massa tiegħu sa l-eqreb 5mg. Ikkalkula sa tliet figuri sinifikanti l-piż fi grammi ta' kull kampjun li ssirlu prova u l-valur medju ta' l-għaxar kampjuni tal-prova.

A.3 Metodu biex tiġi stabbilita s-saħħa tensili

A.3.1 Minn kull wieħed minn ħames rombli tat-*toilet paper* meħuda b'li jiġi, aqta' minn fejn jiġi żewġ kampjuni fid-direzzjoni tal-makna u żewġ kampjuni fid-direzzjoni kuntrarja tal-karta, kull kampjun ikun magħmul minn *two-ply* u għall-inqas twil 98mm u wiesa' 50 ± 0.1mm.

A.3.1.1 Uża l-apparat u l-proċedura mogħtija fl-ISO 1924-2 iżda (a) uża distanza inizjali ta' 65mm bejn il-*clamps*; (b) uża rata ta' tagħbija hekk illi l-kampjun jinqasam sa 10 ± 5S.

A.3.1.2 Ikkalkula u irraporta sa tliet figuri sinifikanti s-saħħa medja ta' qsim fi *newtons* għal kull 15mm ta' wisa' għal kull direzzjoni tal-karta u wkoll il-medja tas-saħħa fiż-żewġ direzzjonijiet.

A.4 Metodu biex jiġi stabbilit l-assorbiment

A.4.1 Minn kull wieħed minn ħames rombli tat-*toilet paper* meħuda b'li jiġi, aqta' żewġ folji bħala kampjuni għall-prova. Issepara folji *double-ply* f'*single-ply* bħala kampjuni għall-prova.

A.4.1.1 Qiegħed kampjun fuq ix-xifer ta' *beaker* ta' dijametru ta' madwar 50mm. Imla' siringa mikrometrika jew pipetta adattata li tista' twassal b'mod preċiż 0.01 ml b'ilma distillat fi 23 ± 1°C. Żomm is-siringa f'angolu ta' madwar 30° ma' l-orizzontali bil-ponta kważi tmiss mal-karta' u ħalli 0.01 ml ta' l-ilma jaqa' fuq il-kampjun. Żomm il-ponta' tas-siringa fil-qatra ta' l-ilma sakemm din tiġi trasferita kompletament. Kejjel bi *stop watch* il-ħin ta' l-assorbiment, f'sekondi, minn meta l-ilma jmiss il-kampjun sakemm il-qatra ta' l-ilma tiġi assorbita kompletament, li jkun indikat billi ma jkunx hemm aktar rifless ta' dawl minnu meta tħares lejh minn angolu.

Għamel ħames provi fuq kull naħa tal-karta. Ikkalkula u irraporta sa tliet figuri sinifikanti r-rata medja ta' assorbiment ta' l-ilma f'sekondi.

A.5 Metodu biex tiġi stabbilita l-irtubija

A.5.1 Apparat — Strument li jkejjel il-kombinazzjoni ta' reżistenza minħabba frizzjoni fuq il-wiċċ u r-riġidità flessurali tal-materjal tal-folja meta jiġi furzat b'xafra minn ġo fetħa li jkollha xfar paralleli u wisa' ta' 6.35mm.

A.5.2 Il-kampjuni — Minn ħames rombli meħuda b'li jiġi aqta' minn fejn jiġi 20 kampjun għall-prova (i.e. 10 pari) kull wieħed minnhom ta' daqs ta' 100mm x 100mm bix-xfar adjaċenti paralleli mad-direzzjoni tal-makna u d-direzzjoni kuntrarja rispettivament.

A.5.3 Proċedura — Ikkalibra l-istrument skond l-istruzzjonijiet tal-fabbrikant. Qiegħed par kampjuni ħdejn xulxin u ċċentrati fuq il-fetħa hekk li d-direzzjonijiet kuntrarji tagħhom ikunu paralleli mal-fetħa. Ibda l-mekkaniżmu tax-xafra u rreġistra l-qari massimu. Dawwar iż-żewġ kampjuni 90° hekk li d-direzzjonijiet tal-makna tagħhom ikunu paralleli mal-fetħa. Erġa' rreġistra l-qari massimu. Irrepeti l-proċedura fuq id-disa' pari tal-kampjuni l-oħra u żgura li jsiru provi ndaqs fuq kull naħa tal-karta. Ikkalkula u irraporta sa tliet figuri sinifikanti l-medja tal-qari kollu f'*millinewtons* bħala l-irtubija tal-karta.

Fit-tħejjija ta' dan l-ordni, saret riferenza għal:

I.S.O. 1924-2 : 1985
S.A.B.S 648 : 1970
S.A.B.S 648 : 1980.